

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/731****tal-15 ta' Mejju 2018**

**li jistabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd tar-raja ondjata fl-iljmijiet tal-Unjoni taż-żona 7e minn bastimenti li jtajru l-bandiera Belġjana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikulari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2018.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irregistrali fi, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2018.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2018 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi f'dak l-Anness jew li huma rregistrali fi għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikulari, għandu jkun ipprojbit li jinżammi abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabda minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi ttrażbordat jew ittrasportat lejn pajjiż ieħor jew li jinħatt l-art minnhom.

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-iljmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti iljmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠUL 27, 31.1.2018, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
João AGUIAR MACHADO  
Direttur Ġeneral  
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

## ANNESS

Nru	08/TQ120
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk	RJU/07E.
Speċi	Raja ondjata ( <i>Raja undulata</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 7e
Data tal-għeluq	14.4.2018